MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1223/2003

**SMS Insurance Agency Ltd in rappresentanza tas-socjeta` estera Ecclesistical Insurance Office plc**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm311.50) rapprezentanti hlas li s-socjeta` attrici giet kostretta li taghmel lil Untours Insurance Agency Limited taht il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta wara s-sentenza tal-11 ta' Novembru, 2002 (Small Claims Tribunal Avviz Nru. 1851/2002EG) abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li l-konvenut kellu mas-socjeta` attrici, liema polza huwa naqas li jonora nonostante diversi interpellazzjonijiet**

**u ghalhekk l-istess ammont imhallas huwa dovut lis-socjeta` attrici minghand il-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Mejju, 2003 (Dok.A) u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi sa l-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm311.50) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-11 ta' Marzu, 2004, sal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------